

Paġna Ewlenija > ... > Reġistri - Kummerċjali, Dwar L-insolvenza U Tal-artijiet > Reġistri Dwar Il-fallimenti U L-insolvenza > Belgium

Reġistri dwar il-fallimenti u l-insolvenza

Il-kontenut ipprovdut minn Belġju

Belġju



Din it-taqsimha tipprovdha informazzjoni dwar ir-reġistri li jirrigwardaw każijiet ta' insolvenza fil-Belġju.

X'inhom s-sitwazzjoni fir-rigward tar-reġistri ta' insolvenza fil-Belġju?

Fil-Belġju, trid issir distinzjoni bejn in-negozji, li jistgħu jkunu persuni ġuridiċi jew persuni fiżiċi, u persuni fiżiċi li mhumiex negozji (individwi).

- Fir-rigward tan-negozji, hemm reġistru nazzjonali ċentrali tal-insolvenza magħruf bħala r-Reġistru Ċentrali tas-Solvenza (*Registre Central de la Solvabilité / Centraal Register Solvabiliteit*) għan-negozji li huma s-suġġett ta' proċedimenti ta' insolvenza, jiġifieri r-riorganizzazzjoni ġudizzjarja (*réorganisation judiciaire / gerechtelijke reorganisatie*) jew proċedimenti ta' falliment <https://www.regsol.be/>
- Fir-rigward tal-individwi, il-Belġju għandu bażi ta' *data* li tiċċentralizza ċerta informazzjoni dwar persuni b'dejn eċċessiv li jkunu għażlu li jibdew proċeduri ta' saldu tad-dejn kollettiv. Din il-bażi tad-*data* ġiet stabbilita fil-Bank Nazzjonali tal-Belġju iżda mhijiex pubblika.

Il-konsultazzjoni tar-reġistri ta' insolvenza fil-Belġju hija servizz bil-ħlas?

Le, ma hemm l-ebda spejjeż għall-konsultazzjoni.

Iva, hemm tariffi għall-iffajljar ta' ċerti dokumenti u għall-ġestjoni tal-fajls.

Ara l-link li ġejja: <https://dp-a.be/fr/tarifs-dpa-regsol>

Kif tfittex f'reġistru ta' insolvenza fil-Belġju

L-ewwel pass huwa li [toħloq kont](#).

Kulħadd jista' jitlob li jikkonsulta fajl pendenti. Tfittex billi tikklikkja fuq "Itlob aċċess għal fajl miftuħ" fil-paġna ewlenija. It-talba tiegħek għal aċċess tiġi eżaminata minn:

- riċevitur (*curateur/curator*) – għal fallimenti qabel l-1 ta' Mejju 2018
- imħallef superviżorju (*juge-commissaire / rechter-commissaris*) – għal fallimenti wara l-1 ta' Mejju 2018
- imħallef delegat (*juge délégué / gedelegeerd rechter*) - għal proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja fejn it-talba għal aċċess issir minn parti li mhijiex kreditur
- debitur (jew il-konsulent tiegħu) - għal proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja fejn it-talba għal aċċess issir minn parti li mhijiex kreditur
- debitur fi proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja jew ta' falliment, biss meta:
 - it-talba għal aċċess issir mill-avukat tad-debitur
 - id-debitur huwa fil-fatt assoċjat mal-fajl inkwistjoni

. Jekk l-ebda debitur ma jkun assoċjat mal-fajl, it-talbiet għal aċċess magħmula mill-avukat tad-

debitur jiġu ttrattati mill-persuni li ġejjin (ara wkoll hawn fuq):

- l-imħallef delegat (proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja)
- l-imħallef superviżorju (għal fallimenti b'sentenza wara l-1ta' Mejju 2018)
- ir-riċevitur (għal fallimenti b'data ta' sentenza qabel l-1 ta' Mejju 2018)

Tirċievi email u notifika malli tingħata aċċess. Jekk tiġi rifjutat l-aċċess, ir-raġuni tingħata fin-notifika u fl-email.

Jekk ikollok aċċess għal fajl u l-fajl ikun magħluq, jista' jkompli jkollok aċċess fl-arkivji tar-Regsol.

Jekk għad ma għandekx aċċess għal fajl li sadanittant ikun ingħalaq, it-talba tmur għand ir-reġistru tal-qorti kummerċjali (*tribunale l'entreprise / ondernemingsrechtbank*) ikkonċernat, li mbagħad jista' jagħtik aċċess billi jistiednek tikkonsulta fajl magħluq fl-arkivji.

Perjodu kopert mir-reġistri ta' insolvenza fil-Belġju

Ir-reġistru fih l-informazzjoni u d-dokumenti kollha relatati ma' każijiet ta' insolvenza, jiġifieri l-fallimenti kollha li għaddejjin u l-proċedimenti ta' riorganizzazzjoni ġudizzjarja miftuħa mill-1 ta' Mejju 2018 li ma ngħalqux.

Hoġoq relatati

[RegSol](#)

L-aħħar aġġornament: 04/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.